MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 189/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Consiglio Tanti**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Consiglio Tanti, bin Nicola u Giovanna nee` Borg, imwieled Zejtun, nhar it-12 ta’ Gunju 1954, u residenti s-Swatar, detentur tal-karta ta’ l-identita` b’numru 455854(M), talli nhar it-18 ta’ Settembru 2007, ghall-habta ta’ 06:20hrs f’dawn il-Gzejjer:

1. bl-imgieba tieghu ta’ fastidju lil martu Anna Maria Tanti b’mod li kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghaliha u dan bi ksur ta’ Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ martu Anna Maria Tanti,

weggaghha b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat, jew inkella bi kliem jew eghmil li jkun biss mhux xieraq, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur ta' Artikolu 252(1)(2) tal-Kap 9;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil martu Anna Maria Tanti ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9;

4. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xiera jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat li huwa, bhala ufficjal pubbliku, kellu d-dmir jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsehh, u dan bi ksur ta' Artikolu 141 tal-Kap 9;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Gunju, 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Consiglio Tanti hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, rabtet lill-istess Consiglio Tanti b'obbligazzjoni personali taht penali ta' tlett mitt ewro (€300) ghal zmien tnax-il (12) xahar li ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jivvessax lil Anna Maria Tanti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Consiglio Tanti, minnu pprezentat fid-19 ta' Gunju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-aggravji ta' l-appellant huma mifruxa fuq hames paragrafi, essenzjalment l-appell jirriduci ruhhu ghal kwistjoni dwar apprezzament tal-provi. In fatti l-appellant jichad dak kollu li tghid martu, u jghid li fil-hin meta l-incident allegatament sehh hu kien id-dar migbur ma' bintu minuri u kien qed jippreparaha ghall-iskola, u ghalhekk billi m'ghandux is-seta' tal-bilokazzjoni, ma setax kien fejn tghid li kien martu. Hu jghid li dak kollu li tghid martu huma qlajja intizi unikament biex joskurawh u jhammgulu r-reputazzjoni bhala ufficjal pubbliku. Konsegwentement jikkontendi li l-ewwel qorti malament sabitu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Issa, huwa principju ormaj assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li meta si tratta ta' apprezzament ta' provi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel qorti hlief jekk tali apprezzament ikun manifestament zbaljat, jew jekk fl-appell jitqanqal dubbju serju dwar xi fatt determinanti ghall-finijiet ta' htija. Is-semplici fatt li din il-Qorti, fuq il-provi migjuba, forsi kienet tasal ghal konkluzzjoni differenti ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzzjoni li l-ewwel qorti ma setghetx, legalment u ragjonevolment, tasal ghal konkluzjoni diversa, ghal kollox jew in parti.

Din il-Qorti semghet il-provi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008, konsistenti fid-deposizzjonijiet ta' l-Ispettur Ramon Mercieca, ta' WPC 61 Maria Cuschieri, ta' Anna Maria Tanti u ta' l-istess appellant. Din il-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tiddisturba d-decizjoni ta' l-ewwel qorti (hlief li ghandu jigi precizat – punt purament tekniku – li t-tielet imputazzjoni ghandha titqies assorbita fit-tieni wahda ghax ghalkemm kien hemm ingurji verbali ma kienx hemm theddid bil-fomm). Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, m'ghandhiex dubju li l-fatti graw kif qed tghid Anna Maria Tanti ghal dak li huwa l-inkontru ravvicinat li kellha ma zewgha l-appellant. Kwantu ghal x'kienet qed taghmel l-istess Anna Maria Tanti fit-triq fejn sehh l-incident u fil-hin meta sehh l-istess incident, din il-Qorti tqis li dan il-fatt huwa rrelevanti ghall-mertu ta' <u>din</u> il-kawza.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan, pero`, li t-tielet imputazzjoni ghandha titqies bhala assorbita fit-tieni wahda, u b'dan ukoll li l-periodu ta' tnax-il xahar ta' l-obbligazzjoni skond l-Artikolu 383(1) tal-Kap. 9 jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------